# INTERMEZZ MONDJALI

## Rassenja kulturali internazzjonali

***Ix-xahar li għadda l-Inizjamed u l-grupp Versatili ħarġu antoloġija ta' poeżija bit-titlu 'Sekwenzi ta' Tluq'. Fiha hemm xogħlijiet ta' tnax-il awtur/awtriċi, fosthom Adrian Grima, li kiteb ukoll l-introduzzjoni provokatorja. Fost l-oħrajn, Grima jargumenta li m'aħniex niddiskutu biżżejjed il-letteratura, lanqas meta tqanqal 'il-ħama'. INTERMEZZ intervista lil Adrian Grima dwar il-funzjoni tal-awtur lokali u l-qagħda letterarja fil-preżent.***

# L-awtur bħala artist impotenti

**Fid-dahla ghall-ktieb int tinsisti li d-deċiżjonijiet dwar il-letteratura Maltija qed "jittiehdu minn ftit nies", u la mill-kittieba, la mill-qarrejja u lanqas mill-pubblikaturi. Min huma dawn 'il-ftit nies' eżattament?**

Primarjament l-awtoritajiet politiċi, edukattivi, ekkleżjastiċi, u ġudizzjarji, iżda anki n-nies li jmexxu l-libreriji pubbliċi, u l-hwienet u d-distributuri tal-kotba. Hemm ukoll dawk li ghandhom f'idejhom il-mezzi tax-xandir, mill-gazzetti sat-televiżjoni. Il-letteratura Maltija hi dik li juruna (anki meta jinjorawha) huma.

**Ghaliex awtur ghandu jhossu żarmat jew impotenti quddiem sitwazzjonijiet ta' kontroll? Kif ghandu jirreaġixxi?**

Bosta kittieba, speċjalment dawk li jaraw il-letteratura bhala sfida, minnha nnifisha, ghall-ordni letterarju u kulturali stabbilit, ihossuhom impotenti ghax donnha l-libertà tal-espressjoni taghhom qed tinbela' minn haddiehor li ghandu ċertu poter fil-pajjiż. Iżda fl-istess hin dawn l-awturi qed jirreaġixxu b'modi kreattivi u bil-konvinzjoni li l-letteratura ma tistax ma tmurx lil hinn mis-'sewwa maghruf,' mill-hsieb dominanti, mit-timbri u r-rappreżentazzjonijiet lesti. Qed jirreaġixxu billi jkomplu jiktbu u jippubblikaw ix-xoghol taghhom. Illum ghandna ghadd ta' kittieba nisa verament interessanti li qed jiktbu, uhud fost l-ahjar xoghlijiet. Il-kitba intelliġenti, penetranti, kultant kontestatorja taghhom, qed tisfida b'mod kreattiv il-kultura patrijarkali taghna. Hemm eżempji tajbin hafna ta' awturi u letteratura hielsa fil-ktieb *Sekwenzi ta' Tluq.*

Barra minn hekk, ir-rivoluzzjoni fl-informatika fethet toroq wesghin ghall-kittieba u hafna minnhom qed jużawhom biex ixerrdu xogholhom u jinċentivaw



minn Mario
**AZZOPARDI**
marpardi@maltanet.net

lill-qarrejja biex jiehdu sehem fil-proċess kreattiv bhala qarrejja. Bosta awturi qed isiefru biex jiehdu sehem f'avvenimenti letterarji barra minn Malta u kontinwament iqabblu l-qaghda taghhom f'Malta ma' dik f'bosta pajjiżi Ewropej. U jippretendu aktar minnhom infushom bhala kittieba u mill-kultura taghhom.

**Jidher li hemm naħa oħra tal-munita. Sondaġġ wara l-iehor juri li l-Maltin ma jridux jaqraw. L-ahhar sondaġġ juri li l-Maltin, pereżempju, jonfqu biss 0.8 fil-mija tal-baġit annwali taghhom fuq il-kotba, u dan jinkludi testi skolastiċi. X'taħseb dwar dan? Qed tinkiteb letteratura li tistimula l-qari?**

Naħseb li qed tinkiteb aktar letteratura tajba u gruppi bhal *Poeżijaplus* u *Inizjamed* (hemm oħrajn) qed joffru spazju kulturali biex aktar nies jiltaqghu mal-letteratura Maltija u barranija f'ambjent kreattiv. Iżda kif nispjega fil-ktejjeb tieghi *Hożż fl-Ilma. Il-Kotba, il-Qari u l-Bahar* (Edizzjoni Skarta, 2008), mhix qed titrawwem kultura tal-qari f'Malta: il-letteratura u l-kotba inġenerali mhumiex parti mid-"diskors" pubbliku, ma jinstabux fid-diskors tal-personalitajiet ewlenin, mill-politiċi u l-membri tal-kleru sal-ġurnalisti u l-opinjonisti li jimlew il-gazzetti taghna. L-istazzjon nazzjonali (li suppost ghandu missjoni pubblika, ghall-ġid komuni) u l-mezzi tax-xandir inġenerali ma joffrux alternattiva kulturali serja ghall-banalizzazzjoni u s-superfiċjalità, u ghalhekk fihom m'hemmx wisq post ghall-qari u l-letteratura. Hemm min jiddubita minn kemm hi korretta l-istatistika li qieghdet lil Malta fil-qiegh nett fl-Ewropa fejn jidhol il-qari tal-kotba fil-hin liberu, iżda jkollna nammettu li s-sinjali ta' dan il-falliment kulturali jidhru kullimkien madwarna. Il-kwistjoni ewlenija mhix jekk aħniex l-inqas li naqraw jew le, iżda x'qed naghmlu biex inrawmu kultura ta' qari, ta' esperjenza letterarja u artistika, ta' approfondiment.

**Int tghid li r-rwol tal-Università hu determinanti. Iżda jista' jkun li r-responsabbiltà tibda minn skaluni ferm aktar 'l isfel?**

Fl-iskejjel primarji u sekondarji jsir hafna xoghol ta' promozzjoni tal-qari u l-letteratura. Iżda minbarra l-problemi ta' viżibbiltà li diġà semmejt, hemm ukoll il-problema fundamentali tas-suspetti li jqanqlu l-kotba fis-soċjetà (essenzjalment konservattiva) taghna, diffidenza li jirrakkuntawha tajjeb Ġużè Ellul Mercer u Juan Mamo fir-rumanzi taghhom li fihom l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi (u ghalhekk bosta nies komuni) jaraw il-kotba bhala fonti ta' qerq u hażen. M'aħniex fis-snin tletin, tassew, u ma nistghux nitkellmu bhallikieku l-affarijiet baqghu l-istess. Iżda fl-istess hin, hafna nies, fosthom dawk li ghandhom poter deċiżjonali kbir fuq x'jaghmel haddiehor, ghadhom mahkumin mill-konvinzjoni profondament żbaljata li l-letteratura ghandha rwol moralistiku, li hi ghodda f'idejn il-poter iktar milli skop fih innifsu. Rumanz mhux lezzjoni tal-morali. Mhux ġabra ta' moraliżmi. Ghandu l-morali tieghu, iżda l-funzjoni ewlenija tieghu mhix moralistika, u l-morali tieghu jistghu ma jkunux bhal tal-maġġoranza jew tas-saff dominanti tas-soċjetà.

**Ejja nitkellmu dwar 'il-letteratura tal-kunflitt'. Xi profil ghandhom l-awturi Maltin illum biex johloqu 'kunflitti' li jinhassu soċjalment u kulturalment?**

Wieħed mill-argumenti tieghi fid-dahla tal-ktieb *Sekwenzi ta' Tluq* hu li l-letteratura ma tistax tahrab min-natura kunflittwali taghha, anki jekk jidher li l-kunflitt hu *biss* 'lingwistiku', reazzjoni ghal-lingwaġġ letterarju stabbilit.




Nemmen li l-idea li l-letteratura t-tajba hi dik li ma tqanqalx ilma qieghed, ma toqrosx, ma tiddubitax hi profondament żbaljata. Min iwarrab ktieb jew storja jew poeżija ghax tqanqal dubji, ghax tisfida s-'sewwa maghruf', ghax tikkontesta,qed jaghmel hafna hsara lis-soċjetà u lil-letteratura.

L-awturi huma preżenti fid-diskors pubbliku fil-Gżejjer Maltin skont kemm jixtiquhom ikunu dawk li ghandhom il-mezzi tax-xandir f'idejhom.

Barra minn hekk, naħseb li qed nghixu f'epoka li fiha s-superfiċjalità u l-banalitajiet jillimitaw hafna l-ispazju pubbliku ghal letteratura tajba.

**Jista' jkun li l-awturi stess qed jidhlu f'kompliċità mal-istituzzjonijiet: nghidu ahna kif se tohloq 'kunflitt' ma' istituzzjoni jew aġenzija (anki para-governattiva) li qed tisponsorizza proġett letterarju?**

Dawn il-problemi jinqalghu kullimkien, u iktar u iktar f'komunitajiet ċkejknin bhal taghna. M'ghandix dubju li l-kittieba jistghu jsiru kompliċi ta' istituzzjoni ripressiva. Wiehed mill-kriterji kruċjali nemmen li ghandu jkun li meta istituzzjoni tiffinanzja proġett kreattiv m'ghandhiex ghalfejn tapprova l-kontenut artistiku tieghu. Jekk Ministeru jew istituzzjoni ewlenija, bhall-Fond Malti ghall-Arti, jisponsorjaw ktieb, m'hemmx ghalfejn jaqblu mal-kontenut tal-ktieb ghax inkella l-finanzjament isir paraventu ghall-impożizzjoni, ghall-omologazzjoni. Istituzzjoni tappoġġja proġett artistiku jew letterarju ghax temmen fil-potenzjal kreattiv tieghu, mhux ghax trid taqbel bilfors mal-kontenut morali tieghu. Inkella xxekkel jew sahansitra tohnoq dik l-istess kreattività li suppost qed tghin u tinkoraġġixxi. Jekk ninvesti fil-kreattività u l-innovazzjoni iżda rrid nikkontrollahom dak x'investiment hu? Dak sqaq li jaghlaq.